MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 256/2002/2

**Customs & Freight Agency Limited**

**Vs**

**Marbeaux Holdings Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' konvenuta ppremettiet illi tinsab d-debitrici tas-socjeta' attrici Customs & Freight Agency Limited fis-somma ta' hamest elef, mitejn u wiehed u hamsin liri Maltin, hamsa u tmenin centezmu (Lm5,251.85) rappresentanti l-bilanc ta' somma akbar dovuta in rigward ta' servizzi rezi fuq rikjesta u a beneficcju tas-socjeta' konvenuta.

Premess nonostante interpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont is-socjeta' konvenuta baqghet ma hallsietx il-bilanc intier dovut minnha.

Premess jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi, a tenur tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) stante illi l-kreditu tas-socjeta' attrici huwa cert, likwidu u skadut u s-socjeta' konvenuta ma ghandha l-ebda raguni jew eccezzjoni valida kontra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas tas-somma dovuta.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas s-somma ta' hamest elef, mitejn u wiehed u hamsin Liri Maltin, hamsa u tmenin centezmu (Lm5,251.85) rappresentanti l-bilanc ta' somma akbar dovuta in rigward ta' servizzi rezi fuq rikjesta u a beneficcju tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 505/02 u Mandat ta' Qbid Nru. 506/02, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ahhar hlas sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta illi rapprsentant taghha huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** tas-socjeta' konvenuta a fol. 13 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi d-domanda attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiz mhux dovut, izda huwa dovuta ammont ferm inqas kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi sussidjarajment u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija intempestiva billi l-konvenut qed ihallas akkont u dan kif ilu jaghmel tul ir-relazzjoni kummercjali mal-attur ghal dawn l-ahhar circa seba' snin u dan ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-

trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk m'ghandu jbaghti ebda spejjez tal-proceduri odjerni.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi fil-mori tal-kawza l-atturi irriducew it-talba taghhom ghall ammont ta' Lm5,001.85 (ara fol. 22).

Kevin Attard xehed li l-konvenuti ghandhom kont pendenti ta' servizzi rezi mid-ditta tieghu. Il-konvenuti qatt ma kkontestaw dana l-kont minkejja li kienu jircevuh kull xahar. Imbaghad meta beda jippressahom biex ihallsu, bdew jikkontestaw il-kont. Kienu ltaqghu u wara li wera lill Mario Fenech id-dokumentazzjoni kollha, qabel mal-kont pendenti u beda jhallas akkont izda imbaghad rega' waqaf. Imbaghad l-konvenuti ma baqghux jaghmlu uzu mis-servizzi taghhom u ghalhekk infethet dina l-kawza.

Dwar il-kwistjoni tal-flus li l-konvenuti jghidu li l-atturi jridu jaghtu lill socjeta' ohra li mhiex fil-kawza u li fiha l-konvenuti jghidu li ghandom sehem, ix-xhud qal li dana l-ammont hu kontestat, u li huma qatt ma kkuntrattaw mas-sur Fenech izda ma persuna ohra li m'ghandha x'taqsam xejn mas-socjeta' konvenuta.

Jirrizulta li fil-mori tal-kawza il-konvenuti ghamlu pagamenti akkont tas-somma indikata fli *statements* li gew ezibiti a fol. 5 sa 8.

Illi dawn il-fatti ma gewx kontestati.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa' t-talba attrici ghas somma ta' hamest elef u lira Maltin u hamsa u tmenin centezmi (Lm5,001.85)

u tikkundanna lill konvenuti jhallsu dina s-somma lill atturi; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta’ l-ahhar hlas sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------